MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 20/2002/1

Scarlet Company Limited .

VS

Nichaolas Kaye, Georgina Xuereb u b'verbal tal-20 ta' Gunju, 2003 Anthony Xuereb assuma l-atti tal-kawza minflok Georgina Xuereb li fil-prezent tinsab imsiefra, u Chantal Sciberras.

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet :

Illi hija kkoncediet lill-konvenuti Nicholas Kaye u Chantal Sciberras il-gestjoni tal-fond maghruf bhala "Southern Fried Chicken" fi triq ir-Rabat, Xlendi ghal perjodu ta' zmien bejn il-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u l-erbatax (14) ta' Jannar tas-

sena elfejn u wiehed (2001) permezz ta’ ftehim li jgib id-data tad-dsatax (19) ta’ Lulju, tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999), hawn anness bhala Dok. “A” .

Illi bis-sahha ta’ dan il-ftehim, il-konvenuti Kaye u Sciberras kellhom ihallsu s-somma ta’ wiehed u ghoxrin lira (Lm21) kuljum lis-socjeta attrici sabiex ikunu jistghu juzaw il-fond in kwistjoni kif ukoll il-makkinarju u l-apparat li kien hemm fl-istess fond bid-dritt illi jzommu l-bilanc tal-qliegh mill-gestjoni ta’ l-istess fond kif ukoll bil-patti u kundizzjonijiet kontenuti fl-istess ftehim, fosthom il-hlas tal-licenzji relattivi u d-dawl u l-ilma .

Illi inoltre l-konvenuti Kaye u Sciberras xtraw minghand is-socjeta’ attrici kwantita’ ta’ oggetti jiswew elf erba’ mija u tmienja u sittin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm1,468.86c) skond valutazzjoni illi giet mghoddija lill-istess konvenuti permezz ta’ ittra ddatata disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) flimkien ma’ rezokont allegat maghha hawn allegat bhala Dok. “B”, minn liema ammont mitt lira u disghin centezmu (Lm100.90) biss thallsu, u ghalhekk, hemm bilanc dovut ta’ elf tlett mija u sebgha u sittin lira u sitta u disghin centezmu (Lm1367.96) kif ukoll kunsinna ta’ gelat tal-import ta’ tlieta u tmenin lira u ghaxar centezmi (Lm83.10) mixtri u mhallas mis-socjeta’ attrici .

Illi ftit tax-xhur wara dan il-ftehim, il-konvenuta Chantal Sciberras ma’ baqghetx aktar involuta fit-tmexxija tal-fond imsemmi peress illi ma baqghetx tghix mal-konvenut l-iehor, Nicholas Kaye .

Illi l-konvenut Kaye beda jghix mal-konvenuta l-ohra, Georgina Xuereb illi bdiet regolarment tiehu parti attiva fit-tmexxija tal-fond imsemmi u kienet takkumpanja lil Nicholas Kaye fil-laqghat kollha li kien ikollu dwar il-gestjoni ta’ l-istess fond ma’ esponenti tas-socjeta’ attrici ,

Illi meta skada l-kuntratt originali, il-konvenuti Kaye u Xuereb baqghu fil-pussess tal-fond imsemmi u baqghu jiggestixxu l-istess fond bi qliegh ghalihom .

Illi l-konvenuti Kaye u Xuereb innegozjaw kuntratt gdid ta’ sullokazzjoni ghall-perjodu ta’ sentejn mill-hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) ‘il quddiem illi permezz tieghu, l-istess konvenuti rrikonoxxew illi kienu debituri tas-socjeta attrici fis-somma ta’ elf mija u tnejn u ghoxrin lira u erbgha u sittin centezmu (Lm1,122.64) ghall-perjodu li huma ggestew il-fond li ghalaq fl-erbatax (14) ta’ Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) barra mis-somma msemmija ta’ Lm1367.96 ghall-provvisti mehuda mill-konvenuti u tlieta u tmenin lira u ghaxar centezmi (Lm83.10), import ta’ gelat mixtri u mhallas mis-socjeta’ attrici u mibjugh lill-konvenuti kif imsemmi – b’kollox is-somma ta’ elfejn hames mija u tlieta u sebghin lira u sebghin centezmi (LM2,537.70) .

Illi l-konvenuta Xuereb ghazlet li ma tiffirmax dan il-ftehim fl-ahhar minuta, liema ftehim madankollu gie ffirmat mill-konvenut Kaye kif jidher mill-anness dokument hawn immarkat bhala Dok. “C” .

Illi sussegwentement l-pagamenti tal-kera beew isiru aktar u aktar erratici u waqfu ghal kollox wara l-ewwel (1) ta’ Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) .

Illi ghab-bazi tal-ftehim propost, il-konvenuti Kaye u Xuereb kellhom ihallsu s-somma ta’ tmint elef tmien mija u erbatax-il lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm8,814.75c) ghal sena kera sal-erbatax (14) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) u inoltre, huma dovuti sad-data tac-citazzjoni, il-hlas ghal tmien gimghat kera bir-rata ta’ mija u hmistax-il lira (Lm115) fil-gimgha, b’kollox, disa’ mija u ghoxrin lira (Lm920) .

Illi inoltre huma dovuti fir-rigward tas-sena elfejn u wiehed (2001), il-hlasijiet ghal-licenzja tal-Pulizija li tammonta ghal mitejn u sitta u disghin lira (Lm296) kif ukoll mija u tmenin lira (Lm180) ghal-licenzja tal-Bord tal-Lukandi u Ristoranti u mija u tletin lira u disghin centezmu (Lm130.90) ghall-assikurazzjoni tal-fond imsemmi - b’kollox is-somma ta’ sitt mija u sitt liri u disghin centezmu (Lm606.90c) .

Illi ghaldaqstant l-ammont dovut ghall-perjodu ta' sullokazzjoni mill-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) huwa ta' ghaxart elef tlett mija u wiehed u erbghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lml0,341.65c) .

Illi mill-ammont dovut ta' ghaxart elef tlett mija u wiehed u erbghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm10,341.65), il-konvenuti Kaye u Xuereb hallsu biss l-ammont ta' tlett elef mija u hamsa u tmenin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm3,185.75c) u ghaldaqstant, ghad hemm dovut bilanc ta' sebat elef mija u hamsa u hamsin lira u disghin centezmu (Lm7,155.90) in addizzjoni ghall-ammont sucitat ta' elfejn hames mija u tlieta u sebghin lira u sebghin centezmu (Lm2,537.70c) – b'kollox, disat elef sitt mija u tlieta u disghin lira u sittin centezmu (Lm9,693.60c) .

Illi l-konvenuti tilfu d-dritt li jkomplu jokkupaw il-fond imsemmi minhabba l-arretrati kbar li ghandhom ihallsu kif ukoll minhabba l-fatt li ghalqu l-fond imsemmi u m'ghadhomx joperawh. Il-konvenuti anke ppermettew illi l-awtoritajiet jaqtghu l-provvista tad-dawl .

Illi l-konvenuti gew infurmati illi l-kuntratt originali qed jigi tterminat u intalbu jirritornaw ic-cavetta permezz ta' ittra ddatata erbatax (14) ta' Novembru elfejn u wiehed (2001) hawn annessa u mmarkata Dok. "D" izda xorta qed jirrifjutaw illi jirritornaw ic-cwievet ta' l-istess fond minkejja l-fond qed jinzamm maghluq .

Illi l-ammont imsemmi ta' disat elef sitt mija u tlieta u disghin lira u sittin centezmu (Lm9,693.60c0) huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom l-ebda dritt ikomplu jokkupaw il-fond maghruf bhala "Southern Fried Chicken" f'"Conway House", triq ir-Rabat, Xlendi u l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni valida xi jressqu kontra t-talbiet attrici u dana gie mahluf minn direttur tas-socjeta' attrici permezz ta' affidavit hawn anness bhala Dok. "E".

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smiegh tal-kawza u dana skond l-artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12 ;

2. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta’ disat elef sitt mija u tlieta u disghin lira u sittin centezmu (Lm9,693.60) rapprezentanti ammonti dovuti lis-socjeta’ attrici kif gie premess ;

3. Inoltre tikkundanna lill-konvenuti jizgumbraw il-fond maghruf bhala “Southern Fried Chicken” f’ “Conway House”, triq ir-Rabat, Xlendi u fi zmien perentorju li jigi prefiss lilhom, jirritornaw ic-cwievet ta’ l-istess fond lis-socjeta’ attrici .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 21/02 ipprezentat fil-11 ta’ Frar, 2002 u b’riserva tad-danni kommessi mill-konvenuti sakemm jizgumbraw il-fond imsemmi .

Bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni debitament ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta’ attrici konfermata bil-gurament mill-avukat Dottor Joseph Ellis ghan-nom tas-socjeta’ attrici .

Rat ukoll l-affidavit ta’ l-avukat Dottor Joseph Ellis ipprezentat bhala dokument ‘E’ mac-citazzjoni .

Rat ukoll id-dokumenti l-ohra esebiti ma’ l-istess citazzjoni u cioe’ bhala dokument ‘A’ skrittura bid-data tal-15 ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u disghin (1999); bhala dokument ‘B’ ittra datata disgha u ghoxrin ta’ Settembru 1999, b’dokument iehor allegat maghha; bhala dokument ‘C’ skrittura bid-data ta’ l-ewwel ta’ Settembru, sena elfejn u wiehed (2001); u bhala dokument ‘D’ ittra lill-konvenuti .

Rat ir-riferta pozittiva ta' din ic-citazzjoni li saret lill-konvenuta Georgina Xuereb fil-15 ta' Marzu, tas-sena elfejn u tnejn (2002) ;

Rat ukoll riferta pozittiva tal-konvenut Nicholas Kaye bl-istess citazzjoni liema riferta saret fil-21 ta' marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) ;

Innutat illi l-konvenuta l-ohra Chantal Sciberras giet notifikata b'din ic-citazzjoni permezz tal-procedura ta' l-afflissjoni, kif jirrizulta minn l-atti ta' din il-kawza .

Innutat illi permezz ta' verbal maghmul fl-udjenza tal-lum stess mill-avukat Dottor Joseph Ellis ghan-nom tas-socjeta' attrici, il-kawza giet irtirata fil-konfront tal-konvenuta Georgina Xuereb ;

Innutat ukoll illi l-konvenuti l-ohra Nicholas Kaye u Chantal Sciberras minkejja li gew debitament notifikati bl-appuntament ta' din il-kawza ghal-lum, naqsu illi jidhru ghal l-istess appuntament, meta, peress illi din hija kawza bil-giljottina, l-istess konvenuti skond il-ligi kellhom jidhru sabiex jaghtu r-ragunijiet taghhom ghaliex il-Qorti kellha tippermettilhom jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet .
Il-Qorti ghal hekk, wara li rat l-artiklu 167 u 170 tal-Kapitlu 12 tal-ligijiet ta' Malta, u peress illi l-konvenuti Nicholas Kaye u Chantal Sciberras naqsu illi jaghtu ragunijiet ghaliex din il-Qorti ma kellhiex tilqa' t-talbiet attrici, tiddecidi din il-kawza, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati fil-konfront ta' l-istess konvenuti, Nicholas Kaye u Chantal Sciberras, billi tilqa' l-istess talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenuti Nicholas Kaye u Chantal Sciberras, ihallsu s-somma ta' disat elef sitt mija tlieta u disghin lira u sittin centezmu, (Lm9693.60c) rapprezentanti ammonti dovuti lill-istess socjeta' attrici, u dana in solidum bejniethom .

Inoltre tikkundanna lill-istess konvenuti jizgumbraw il-fond maghrufa bhala "Southern Fried Chicken", f'"Conway House", triq ir-Rabat, Xlendi, fi zmien hmistax-il gurnata mill-lum, u trodnalhom li jirritornaw ic-cwievet ta' l-istess fond lis-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 21/02, ipprezentat fil-11 ta’ Frar, 2002, kontra l-istess konvenuti in solidum bejniethom .

Bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenuti, in solidum bejniethom ukoll .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------